MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 50

24 ta' Awwissu 2022

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Giorgio Mario Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
ASSENTI
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.31pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti kien daħal *online* fil-ħin. Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet talba.

Is-Sur John Bonnici u l-Avukat Caruana saqsewx jekk jistghux jitkellmu. Is-Sindku qalilhom li aħjar jimxu skont l-Agenda u jsaqsu x'ħin jiġu għall-item Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

## 50.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

50.1.1 Is-Sindku qal li kien hemm ittri t'apoloġiji tas-Sur Alex Mangion li ttieħdet bħalha moqrija.

## 50.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

50.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa 49 ġew approvati.

## 50.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

50.3.1 ***Festa Santa Marija***

Is-Sur Cordina qal li fir-rigward tal-festa ta' Santa Marija mar kollox kif suppost u previst wara sentejn waqfien u li għal din il-laqgħa me kellux iktar xi jżid.

## 50.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

50.4.1 Is-Sur John P. Bonnici

- Saqsa x'inhi raġuni li nies li kienu ġejjin għall-attività ta' ġemellagg Gela ġew irrifjutati li jiġu u li kien qed jirreferi għall-Toni Agius Decelis.

  Is-Sur Cordina qal li dik il-Kunsill ma daħalx fiha u li jekk jixtieq isaqsi xi mistoqsijiet dawn għandhom isiru lill-Każin tal-Banda. Hu kompla jgħid li l-Każin La Stella Levantina, meta avviċinat bid-dettalji fuq dan il-ġemellaġġ għamel froġa fejn mingħajr ebda permess ta' ħadd għamel poster fejn irreklama dan il-ġemellaġġ bħalha gita u ovvjament minn hemm bdew imorru n-nies iħallsu l-miżata mitluba.

  L-Avukat Caruana u s-Sur Bonnici saqsew imma għala dan ġie irrifjutat? Is-Sur Cordina qal li l-bażi kienet li ma kienx membru tal-Każin u għalhekk ma setax jkun parteċipi. Is-Sur Cordina qal li din hi t-tielet darba li qed jitkellem fuqha u mhux sa jirrispondi hu fuq xi ħaġa li għaffeġ il-Każin. Is-Sur Bonnici qal li meta l-Każin ġie biex iħallas is-Sur Remigio Bartolo qalhom li hu ma jistax. Is-Sur Bartolo qal li mhux vera xejn. Is-Sur Bonnici qal li qallu xi ħadd mill-Kumitat li ma jistax jiġi għax hu barra mir-raħal.

Is-Sur Bartolo qal li mhu veru xejn. Kompla jgħid li kif qal is-Sindku dawn ġabu avviż fuq il-fb page li din hi ġita u hu talab li jitneħħa l-avviż. Meta ġie biex iħallas tal-kumitat qal li kien għamililu ċara li jistgħu jiġu biss dawk li huma membri fil-Każin u l-familjari tagħom, il-bandisti, Kunsilliera u staff tal-Kunsill u l-familjari tagħhom. Qal li l-unika tnejn li kienu differenti kienu l-Kappillan u Paul Haber għax kien involut minħabba li d-delegazzjoni se tmur tara eżebizzjoni taċ-ċeramika u daqshekk. Il-Kunsill ma nteressahx min hu l-individwu għax skont kif intqal dan mhux membru tal-Każin u allura ma setax jiġi.

Is-Sur Bonnici qal li kien diġà ħallas imma s-Sur Bartolo interrompieh u qal li dik affari tal-Każin li qallu biex iħallas meta l-ftehim ma kienx hekk. Is-Sur Bonnici qal ukoll li kien hemm ieħor Ray Borg li ukoll mar biex iħallas u ġie rrifjutat. Is-Sur Bartolo reġa' tenna li hu ma qal xejn il-ħadd li dak u dak ma jistax jiġi imma li setgħu jiġu biss dawk skont kif ġa semma.

Is-Sur Cordina talab biex jgħid min hu u li jrid ikun jaf min hu. Is-Sur Bartolo qal li hu tkellem mas-Sur Charlie Zammit mhux sa jiddejjaq jgħid. Is-Sur Bonnici qal li din missa ġiet diskussa Kunsill. Is-Sur Cordina u s-Sur Bartolo qalu li le dawn mhux affarijiet tal-Kunsill u li m'hemmx s'tiddiskuti. Dawn huma proċeduri li ġew stabbiliti għall-fini ta' dan il-ġemellagg li jridu jkunu membri jew familjari.

L-Avukat Caruana saqsiet jekk min ġej hux kulħadd membru? Dan saqsietu biex ma ssirx diskriminazzjoni. Is-Sur Cordina qal li fl-aħħar mill-aħħar jibqa' l-fatt li dawn ħarġuha bħalha ġita u li jekk iridu bħalha Kunsilliera jmorru jsaqsu lilhom. L-Avukat Caruana qalet li dawn imma qed iwaħħlu fil-Kunsill.

Is-Sur Cordina qal li mnalla nduna l-Kunsill u issa qed jeħel ukoll is-Sur Bartolo. Is-Sur Bonnici kompla jinsisti li dan qalu li jridu jkunu minn Ħ'Attard jew membri. Is-Sur Cordina caħad dan kollu u b'rabja qalhom biex joqgħdu attenti. Il-Perit Schembri qal li dawn huma fondi ewropej u ma jistgħux jinqabżu l-limiti tar-rekwiżiti.

Is-Sur Cordina qal li bħalha Kunsill huma kienu kordjali biżżejjed li żammew kollox low profile imma li jippruvaw iħammġu l-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li min hu inkarigat mill-banda ġie bil-lista u l-Kunsill kien ċar biżżejjed li fuq min jista' jiġi. L-Avukat Caruana qalet li kien *misunderstanding* imma s-Sur Cordina qal li dan ma kien *misunderstanding* xejn għax jerġa' jtenni li huma ħadu d-deċiżjoni u ħabbruha kif riedu huma.

L-Avukat Caruana saqsiet jekk kienux l-unika nies li ma setgħux jiġu? Is-Sur Cordina qal li jimmaġina li kienu iktar imma mhux il-punt għax apparti li setgħu isiru membri kif issuġġeriet l-Avukat Caruana issa kien tard wisq minħabba li kollox kważi lest. Hi kompliet tgħid li kieku sar hekk kien jiġi evatitat ħafna diskors u l-fatt li kien ikun involut kienet tagħmillu ġid għax taf li bħalissa għaddej minn żmien diffiċli. Is-Sur Cordina qal li forsi kienu mill-Każin stess li ma riedux u qalgħu din il-qlajja.

Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat ukoll l-istess affarijiet lil Ray Borg it-Tnejn ta' qabel din il-laqgħa u għaldaqstant ma ratx għalfejn kellu jerġa' jinqala' kollox illum. Is-Sindku sab ir-reklam li kienu tellgħu u werieh lill-Kunsilliera. Is-Sindku qal li fuq din ħa jitkellem mal-membri tal-Każin żgur. L-Avukat Caruana tenniet li l-importanti li ma saritx diskriminazzjoni u kif kompla s-Sur Cordina li ma saritx min-naħa tal-Kunsill galadarba l-għazla kienet f'idejhom.

50.4.2 L-Avukat Silvio Brincat

- Ressaq ilment fuq ħafna ġrieden fi Triq Santa Katerina ma' Triq l-Għenba. Dan ir-rapport ġa sar.
- Saqsa fuq l-iSports Village kienx hemm xi update

50.4.3 Is-Sinjura Connie Scerri

- Resqet ilment fuq il-bankina fi Triq Sant'Anton. Is-Sur Cordina qal li din kienet saret ġdida u ma fadalx tumbati imma l-Kunsill jista' jitkellem mal-Amministrazzjoni u jaraw x'inhi din il-problema.

50.4.4 Is-Sur John Bonnici

- Saqsa jekk iz-zebra li taqsam fi Triq il-Pitkali hux se ssir bħal dawk li saru ġodda fi Triq il-Mosta. Is-Sindku qal li le għax dik saret bi *traffic calming measure* biex tagħti ċans lil min qed jaqsam minn Linja u ġej minn fuq. Saqsa jekk tistax tiġi *refreshed?* Is-Sur Cordina ħa nota.

50.4.5 Is-Sur Victor Galea

- Saqsa x'irid isir biex issir un/loading bay. Is-Sindku spjegalu kif trid issir applikazzjoni mal-Kunsill jew dirett ma' TM. TM tanalizża eżatt xi jbiegħ il-ħanut u jekk hu ntitolat li ssir jagħmluhielu jekk le ma ssir. Qal ukoll li hemm kazijiet fejn saret waħda għal ħafna ħwienet. Hu qal li saqsa dan għax saret waħda taħt id-dar tiegħu u din barra li kantuniera ġiet blind corner ukoll. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din qas biss għaddiet minn taħt idejhom peress li t-triq hi arterjali. Is-Sur Cordina qal li dawn isiru skont il-Policy. Is-Sur Galea qal li qabel ma saret is-*Central link* kien hemm xi *crash barriers* u jixtieq li jerġgħu isiru. Is-Sur Bonnici qal li lanqas l-ispeed limit ma saru u biex jiġi biex joħroġ irid idum bosta minuti. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħa tibgħat talba bil-punti tagħhom.

Il-Perit Giorgio Mario Schembri.

- Irringrazzja lill-ħaddiema tal-Parks Malta li filgħodu kienu qegħdin inaddfu l-widien.
- Saqsa kif baqgħu fuq il-*bridge* għax baqa' kollox kif kien. Apparti li qed isaqsi kważi f'kull laqgħa xtaq ikollu iktar feedback. Is-Sur Cordina qal li m'hemmx data u ma jista' jagħmel xejn iktar. Il-Perit qal li qed jikkawża t-traffiku għax ħafna traffiku inqata' minn ċertu toroq u baqa' biss dħul u ħruġ minn hemm peress li l-ewwel entratura. Is-Sur Cordina saqsa jekk hux ħa titwessa' jew le minħabba li hemm familja li l-garaxx tagħha eżatti mat-triq. *Target date* m'hemmx u xebgħu jintbagħtu imejls imma *feedback* ma ingħatax. L-Avukat Caruana issuġġeriet li jiġi nfurmat il-Ministru nkarigat. Kulħadd qabel.

L-Avukat Helen Caruana

- Saqsiet f'hiex waslu l-*premises* il-ġodda. Is-Sindku qal li tlesta d-dawl u kif jidħlu mis-*shutdown* ikomplu. Is-Sur Victor Galea saqsa jekk hemmx penali fuq il-lift. Is-Sur Cordina qal li l-kuntratt jistipula dan.

Is-Sur Bonnici saqsa fuq il-bridge ta' Wied Irmiedi. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Perit Schembri ġa semmieħ li tnaddaf mill-Parks.

## 50.5 Approvazzjoni ta' Estimi Finanzjarji Awditjati 2021

50.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan ir-rapport intbagħat lilha fit-18 ta' Awwissu u ma fih l-ebda bdil fil-P&L u Trial Balance. Qalet li l-unika tibdiliet li kien hemm huma relocations fejn spjegat li generalment dawn ikunu ammonti li jkunu f'account u jridu jidħlu f'ieħor. Hi bdiet telenka dak imniżżel fid-draft Management Letter fejn fost affarijiet oħra semmiet ir-Rapporti Finanzjarji tal-Kumitat Konġunt, *Lease workings* liema ammonti ġew ikkunsidrati immaterjali, l-ammonti minn tabelli (*receivables*) li tneħħew minn TM u qalet li qed taħdem fuq xi tabelli biex jerġgħu isiru, fuq devoluzzjoni ħabba l-Air Monitoring Unit, ammont rigwardanti l-Info Centre li tħallset f'Diċembru 2021 imma peress li x-xogħol kien għadu ma bediex ġie propost li jiddaħħlu bħalha accrued income u prepayments, id-*debtors* li ħafna minnhom ġew ikkriljati u proposta biex il-bilanċ finali tal-Proġett tal-Katlan jiddaħħal bħalha kapitali u mhux deferred income.

Dawn l-estimi ġew approvati.

## 50.6 Rapporti

50.6.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 50.7 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

50.7.1 Is-Sur Cordina qara Riżoluzzjoni 3 u Riżoluzzjoni 4 li jittrattaw finanzjament mitlub sabiex il-Kunsill jerġa' japplika għall-vann li jkun jista' jintuża minn anzjani u nies bi bżonnijiet speċjali u li l-ex ufficċini wara li jsirilhom intervent fis-saqaf jiġu mgħammra bil-kompjuters kf ukoll stair lift halli jkunu jistgħu jiġu organizzati korsijiet għar-residenti rispettivament.

50.7.2 **Jum Ħ'Attard**
Is-Sur Bartolo qal li kif jaf kulħadd permezz tal-imejl li ġiet ċirkulata Jum Ħ'Attard ġie pospost minn Settembru għal Marzu u dana għaliex kif jiftakar kulħadd Gela kien ukoll ġie pospost minn Marzu għall-Settembru ħabba l-Covid u peress li ħabtu t-tnejn f'daqqa wieħed ħaseb li ħa jilħqu jsiru ż-żewġ affarijiet imma Gela fih wisq xogħol biex tħejji delegazzjoni ta' 91 ruħ. Anka nominazzjonijiet sad-19 ta' Awwissu kienu għadhom ma daħlu xejn u fil-fatt irid isir sforz biex anka l-Kunsilliera ġaladarba l-Bord hu wieħed indipendenti. Il-programm ġie ċċirkulat lil kulħadd u s-Sur Bartolo qal li se ssir laqgħa fil-31 ta' Awwissu biex jingħataw il-biljetti u dokumenti. Kompla jgħid fuq it-Travelling Insurance u li din l-Insurance tkopri anka l-Covid.

Is-Sinjura Scerri saqsiet fuq id-data ta' Jum Ħ'Attard.  Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-serata se ssir fl-24 ta' Marzu 2023. Is-Sur Bartolo għamel enfażi fuq id-*dress code*. Qal li jekk xi ħadd fil-31 ta' Awwissu ma jistax importanti li tinġabar id-dokumentazzjoni kollha sat-2 ta' Settembru.

Is-Sur Voctor Galea ħalla l-kamra f'dan il-mument 6.27pm

## 50.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

50.8.1 Il-pagamenti ġew approvati b'John P. Bonnici Proponent u Connie Scerri Sekondant wara li l-Avukat Brincat saqsa fuq pagament numru 47 €8,880 *2nd Payment Twinning Gela.* Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dawk huma l-flejjes marbuta mal-Ġemellaġġ.  Is-Sur Bartolo qal li l-flus jinġabru lura wara li jsir ir-rapport.

## 50.9 Mozzjonijiet; u

50.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 50.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

50.10.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-6.29pm u ġiet aġġornata għat-28 ta' Settembru 2022 fis-5.30pm

Konfermati, illum 28  ta' Settembru 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |